# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 5 ta' Marzu 2024

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Halil Agalliu

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet  migjuba kontra Halil Agalliu bin N/A mwieled fil-22/07/1989 Albanian Passport BR 5263451 residenti Apt 3 Palmar Court Triq Salvu Buhagiar Marsascala  talli fil-11 ta` Settembru, 2021 ghall-habta ta` 08:00hrs fl-Mgarr Malta soqt vettura b`numru ta` registrazzjoni EQZ426;

1. talli b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, minhabba f`hekk Nicholas Dom Schembri

batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr. Jeffrey Bonnici MD mill-MDH.

2. U aktar talli b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, minhabba f`hekk Marco Fiorilla batgha offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr. A. Scicluna MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f`kaz ta` htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 sitt Skeda.

Rat l-artikolu 328(c) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha u d-dokumentazzjoni kollha ezebita.

Rat li fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2024 il-Qorti kienet ghall-ennezima darba sprovvista minn interpritu ghal Albaniz u vice versa  u stante li l-proceduri huma ta’ natura sommarja ghaddiet biex tippronunzja sentenza.

**Ikkunsidrat**

Li ghal diversi seduti il-Qorti kienet sprovvista minn Interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Albaniza u vice versa. Illi dawn huma proceduri ta' natura sommarja u iridu jitmexxew bi speditezza ( vide App per A Bugeja 25/2/21 P vs Simon Vassallo fejn giet citata ukoll P vs Peter Sammut per il-Prim Imhallef Vincent Degeatano 23/09/02). Illi bhekk il- procediment qed jigi dikjarat bhala ezawrit u per konsegwenza l-imputa liberat minn kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il- Qorti ma issibx i lil Halil Agalliu hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet u tilliberah mnin kull htija jew piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**